

# GIUSEPPE MICALLEF
# ĦAJTU U ĦIDMIETU

**VINCENT CARUANA GAUCI**
**B. Ed. (HONS) MELIT.**

**Il-profil ta' Giuseppe Micallef, is-surmast li waqqaf l-ewwel banda f'Ħaż-Żabbar, ġie miġbur minn ġabra sħiħa ta' informazzjoni li teżisti dwaru f'dokumenti storiċi u minn kumpilazzjoni ta' informazzjoni u dokumenti miġbura primarjament mill-mibki Kav. Joseph A. Caruana eks-membru tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ u li ħalla ħafna noti personali u informazzjoni fl-arkivji tal-istess Soċjetà.**

Is-Sur Caruana kien responsabbli għall-kitbiet li s'issa dehru fuq dan is-surmast matul iż-żmien u minn fuq l-informazzjoni tiegħu dejjem imxiet dis-Soċjetà. Matul din l-aħħar sena, din l-informazzjoni ġiet ivverifikata jew inkella mimlija b'iżjed dettalji permezz ta' dokumenti addizzjonali u ġrajjiet oħra. Dan il-profil ġie wkoll komplut bl-għajnuna indispensabbli tas-Sur Mario Cachia u ħutu Ċettina u Cathy, kollha pro-neputijiet ta' Giuseppe Micallef, li ġentilment aċċettaw it-talba tagħna li niltaqgħu magħhom u ingħaqdu flimkien biex issirilhom l-intervista neċessarja, kif ukoll għaddewlna l-istejjer tagħhom li semgħu mingħand in-nanniet tagħhom dwar dan is-surmast, flimkien ma' dokumenti u ritratti awtentiċi relatati ma' Giuseppe u l-familja tiegħu. Fiż-żmien tal-intervisti u d-diskussjonijiet ma' Ċettina, Mario u Cathy, dawn ukoll kienu qegħdin ifittxu għal iżjed informazzjoni dwar qaribhom u b'dan il-mod irnexxielna nivverifikaw u naqblu fuq diversi dettalji storiċi marbuta ma' Giuseppe, filwaqt li rnexxielna nibnu relazzjoni tajba ħafna ma' din il-familja tant li saru diversi skambji ta' informazzjoni ġdida li bdejna nsibu aħna jew bdew isibu l-familjari stess. Fil-fatt dan il-profil huwa approvat mill-familjari diretti ta' dan is-surmast u qegħdin nippubblikawh flimkien ma' noti addizzjonali u opinjonijiet personali tal-awtur bil-kunsens tagħhom.

## MIN KIEN GIUSEPPE MICALLEF?

Giuseppe twieled fil-5 ta' Ġunju 1854 f'Ħaż-Żabbar lil Antonio Micallef, bejjiegħ tal-fuħħar u Carmela née Meli li kienet taħdem bħala nissieġa [1]. Huwa ġie mgħammed il-ġurnata ta' wara minn Dun Gaetano Agius fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar bil-parrini tiegħu jkunu Giuseppe Barbara u Elizabeth Gauci, it-tnejn minn Bormla. Fil-magħmudija ngħata l-ismijiet ta' Giuseppe, Giovanni u Lorenzo [2]. Giuseppe kien l-uniku tifel minn familja ta' erbat itfal. Ħutu l-kbar kienu





*Grazia Psaila,*
*mart Giuseppe Micallef*



*Carmelo Micallef,*
*iben Giuseppe Micallef*



*Faustino Micallef,*
*iben Giuseppe Micallef*



*Teresa Micallef,*
*bint Giuseppe Micallef*

Maria u Giovanna, filwaqt li kellu oħtu oħra iżgħar minnu, Felicia. Id-deskrizzjoni ta' Giuseppe fir-rekords uffiċjali tiegħu jvarjaw kemxejn minn xulxin – fl-1869, mad-dħul tiegħu mal-R.M.F.A. insibuh deskritt b'tul ta' 5 piedi u 2 pulzieri, għajnejh suwed u xagħru kannella u b'ġilda pallida jew safranija [3], filwaqt li fl-1882 mill-Admiralty: Royal Navy Registers of Seamen's Services, numru uffiċjali 118950, insibu deskrizzjoni li tgħid li Giuseppe kien twil 5 piedi u 10 pulzieri (ovvjament għax laħaq kiber u twal), ismar, xagħru sewda u għajnejh kannella [4]. Ta' età żgħira Giuseppe tilef lil missieru u aktar tard anke lil ommu, tant li qatta tfulitu jgħix fl-Asilo degli Ofrani [5], [6]. Fl-1870, fl-età ta' sittax-il sena, insibuh joqgħod m'oħtu l-kbira fl-isqaq ta' wara l-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar. Jidher ukoll li din il-familja kienet waħda fqira u kienu jgħadduha b'li jaqilgħu minn xogħolhom, tant kemm hu hekk li Felicia, l-oħt iż-żgħira ta' Giuseppe, fir-reġistru parrokkjali tal-istess sena tidher qed toqgħod f'orfanatrofju minnflok mal-kumplament tal-familja [7]. Wara l-mewt ta' żewġha, omm Giuseppe, Carmela żżewwġet lil Salvatore Caruana [8].

Giuseppe Micallef iżżewweġ lil Grazia Psaila, armla ta' Salvatore Condorato u magħrufa bħala "Ta' bezzuna" – probabilment bil-laqam ta' żewġha. Missier Grazia kien jismu Luigi (magħruf bħala "It-twil") filwaqt li ommha kien jisimha Catarina (née Cilia). Fl-1875 Grazia kienet toqgħod ma' missierha f'numri 56-57, Triq Bajada, kienet diġà romlot u kellha tifla miż-żwieġ tagħha ma' Salvatore [9]. Dit-tarbija kien jisimha Maria Theresa u twieldet nhar it-23 ta' Jannar 1875 [10]. Giuseppe u Grazia żżewwġu nhar is-6 ta' Mejju 1877 fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar biċ-ċelebrant ikun Dun Nicola Cachia quddiem ix-xhieda Felice Mizzi u Annunziato Xuereb Montebello, it-tnejn Żabbarin. Fil-kitba ta' dan iż-żwieġ naraw li t-tnidijiet ta' Giuseppe saru fil-Kolleġġjata Knisja Insinji Matriċi u Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, li tagħha jappartjeni l-għarus [11]. Dan jista' jkun minħabba li Micallef kien stazzjonat mar-Reġiment fil-Belt Valletta. Fl-att taż-żwieġ Giuseppe huwa mniżżel bħala musicante nel reġimento R.M.F.A. filwaqt li martu Grazia kienet nissieġa [1]. Minn dan iż-żwieġ Giuseppe u Grazia kellhom dawn it-tfal:

Carmelo – twieled nhar l-4 ta' Settembru 1878 u tgħammed l-għada bl-ismijiet Carmelo, Agostino u Giuseppe. Huwa miet fl-24 t'April 1941;

Faustino – twieled nhar l-4 ta' Lulju 1880 u tgħammed l-għada bl-ismijiet Faustino, Aloisio, Ludovico u Antonio. Huwa miet fil-11 ta' Settembru 1951;

Cecilia – twieldet fil-25 t'Awissu 1885 u tgħamdet l-għada bl-ismijiet Cecilia, Felicita u Antonia. Hija mietet fl-4 t'April 1942;

Antonio – twieled fl-20 t'Awissu 1888 u tgħammed jumejn wara bl-ismijiet Antonio, Francesco, Bartolomeo u Giuseppe Maria. Huwa miet fl-14 ta' Novembru 1954;

Teresa – twieldet fil-31 ta' Marzu 1890 u tgħamdet l-għada bl-ismijiet Theresa, Maria, Anna, Pia u Leonilda. Hia mietet fit-8 ta' Ġunju 1971; u

Alfredo – twieled fil-5 ta' Jannar 1892 u tgħammed fis-7 ta' Jannar bl-ismijiet Alfredo, Claudio, Salvatore, Carmelo, Coldo, Alberto u Giuliano. Iżda dan miet meta kien għadu tarbija ta' ftit iżjed minn sena, fis-17 t'April 1893. Billi Alfredo miet meta kien għadu tarbija, lanqas il-familjari ta' Giuseppe ma kienu jafu bih u dan anke tħalla barra minn profili preċedenti li saru fuq dan is-surmast.



Joseph Michallef
*Die 6 ejusdem (6.vi.1854)*
*Adm(odum) R(everen)dus D(omi)nus Don Cajetanus Agius deleg(atus) baptizavit infantem heri natum ex Antonio Michallef et Carmela Meli coniugibus cui nomen fuit impositum Joseph Joannes Laurentius; Patrini fuere Joseph Barbara filius Antonii ex Conspicua, et Elizabeth Gauci filia q(uon)d(a)m Josepho ex etiam Cospicua.*

Joseph Michallef
6 ta' Ġunju 1854.
Nhar is-sitta ta' Ġunju 1854. Il-Wisq Reverendu Sinjur, Dun Gejtano Agius, delegat (minni), għammed lit-tarbija mwielda lbieraħ minn Antonio Michallef u Carmela Meli, koppja miżżewwġa, u nagħta l-isem ta Giuseppe, Giovanni, Lorenzo; il-parrini kienu Giuseppe Barbara bin Antonio minn Bormla u Elizabeth Gauci bint il-mejjet Giuseppi, ukoll minn Bormla.



*Peractis tribus solitis denunciationibus, tribus Dominicis diebus quarum prima, in hac sponsae parochia, habita est die 15 mensis Aprilis jam elapsi, secunda die 22, tertia tandem die 29 eiusdem mensis;*
*praemissis etiam huius matrimonii proclamationibus ab Adm(odum) Rev(erendo) D(omi)no Don Francisco Glenverio S(acrae) T(heologiae) D(octore) Schembri curato S(anctae) In(signi)s Coll(egiatae) Matr(icis) ac Par(rochia)lis Eccl(esi) ae S(ancti) Pauli Nauf(ragii) civit(atis) Vallettae, sub cuius cura sponsus habitat, iisdem supra memoratis diebus, uti ex ipsius curati adlectatione in scriptis apud me servata, apparet, nulloque canonico impedimento detecto, Adm(odum) Rev(erendus) D(omi)nus Don Nicolaus Cachia a me Parocho et Rectore Crucifixo S(acrae) T(heologiae) D(octore) Pisani Borg delegatus, Josephum Micallef filium leg(itimum) et nat(uralem) quorumdam Antonii et Carmelae Meli, olim conjugum, sponsum ex una parte, e S(ancta) Ins(igni) Coll(egiata) Matr(ice) ac Par(ochia)li Eccl(esi)a S(ancti) Pauli Naufragi civ(itatis) Vallettae, et Gratiam Psajla filiam legit(imam) et nat(uralem) Aloysii et Catharinae Cilia conjugum, viduam vero Salvatoris Condorato, sponsam ex altera parte, meam parochianam interrogavit, eorumque mutuo consensu habito per verba de praesenti, solemniter matrimonio coniuxit, juxta ritum et formam Sacri Conc(ilii) Trid(entini) et Rit(us) Rom(ani), coram notis testibus Felice Mizzi filio q(uon)d(a)m Petri, et Annuntiato Xuereb Montibello filio q(uon)d(a)m D(omi)ni Josephi, meis parochianis.*

Wara li saru s-soliti tlett tniedijiet fil-jiem tat-tlett iħdud fil-parroċċa tal-għarusa, l-ewwel waħda nhar il-15 t'April li għadda, it-tieni fit-22, u t-tielet fid-29 ta' l-istess xahar;

Kif ukoll it-tniedijiet ta' dan iż-żwieg fl-istess jiem hawn fuq imsemmija mill-Wisq Reverendu Sinjur Dun Franġisk Glenverio Schembri, duttur fis-Sagra Teoloġija, kappillan tal-Kolleġġjata Knisja Insinji Matriċi u Parrokjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, li tagħha jappartieni l-għarus, kif ġie magħruf lili bil-miktub mill-istess kappillan;

U billi jidher li m'hemm l-ebda impediment għal dan iż-żwieg, il-wisq Reverendu Sinjur Dun Nicola Cachia, maħtur minni, Dun Kruċifiss Pisani Borg, kappillan u rettur u duttur tat-teologija Sagra, wara li staqsa lil Giuseppi Michallef, iben leġittimu u naturali tal-mejtin Antonio u Carmela Meli, koppja miżżewwġa, l-għarus li jaqa' taħt il-kura tal-Insinji Kolleġġjata, Matriċi u Knisja parrokjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta, minn naħa l-wahda, u lil Grazzja Psaila, bint legittima u naturali ta' Aloysio u Katarina Cilia, koppja miżżewwġa, armla ta' Salvatore Condorato, l-għarusa, parruċċana tiegħi, min-naħa l-oħra;

u wara li t-tnejn taw il-kunsens tagħhom, għaqqadhom solennement fiż-żwieg, kif jitlob ir-rit u l-forma tal-Konċilju tat-Trentu u r-Rit Ruman, quddiem ix-xiehda magħrufa, Felic Mizzi bin il-mejjet Pietru, u Annunzjatu Xuereb Montibello bin il-mejjet is-Sur Giuseppi, lkoll parruċċani tieghi.

*Il-qalba mil-Latin għall-Malti tal-kitbiet tal-magħmudija u ż-żwieġ ta' Giuseppe Micallef saru bl-għajnuna ġentili tas-Sur Manuel Abdilla.*

Il-familjari ta' Giuseppe spjegawlna wkoll li t-tliet subien ta' Giuseppe Micallef, Carmelo, Faustino u Antonio kienu wkoll mużiċisti mar-Royal Navy. Carmelo biss mit-tfal ta' Giuseppe Micallef kien miżżewweġ. L-oħrajn baqgħu kollha xebbiet u ġuvintur. Carmelo żżewweġ lil Concetta Cauchi nhar il-5 ta' Mejju 1902 u flimkien kellhom sebat itfal.

Giuseppe u Grazia flimkien mat-tfal tagħhom għexu għal snin twal ma' Luigi Psaila u l-familja tiegħu, tant li ġieli naraw lil Giuseppe, flimkien mal-kumplament tal-familja Psaila, jiġi mniżżel fir-reġistri tal-parroċċa bil-laqam tal-kunjatu tiegħu - "It-twil". Din il-familja tal-kunjatu ta' Micallef kienet tikri postijiet differenti f'Ħaż-Żabbar biex tgħix fihom u Giuseppe flimkien ma' martu imxew magħhom kull fejn marru. Fl-1877 din il-familja kienet qed tikri Nru. 8 Vicolo San Giuseppe [12], fl-1879 Nru. 5 Vicolo San Paolo [13] u fl-1881 u 1882 Nri. 5 u 6 Piazza San Giacomo [14], [15]. Minħabba li f'dan iż-żmien Giuseppe ma kellux indirizz residenzjali fuq ismu u probabbilment il-postijiet mikrija kienu żgħar u kellhom kera baxxa, Micallef ma jidher imniżżel fl-ebda reġistru elettorali u bl-istess mod lanqas il-kunjatu tiegħu Luigi Psaila. Billi teżisti qabża ta' 27 sena fir-reġistri tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar (mill-1882 sal-1909), ma nistgħux ngħidu fiċ-ċert f'dan iż-żmien Micallef u familtu fejn kienu joqogħdu, speċjalment meta tikkunsidra l-bidliet frekwenti fl-indirizz residenzjali tagħhom. Fl-1909 imbagħad naraw lill-familja Micallef qed toqgħod waħedha f'Nru. 3 Strada San Pio, il-post fejn fiċ-ċentinarju tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ tpoġġiet lapida biex tfakkar lil dan is-surmast-fundatur tagħha. Fil-lista parrokkjali tal-1909 naraw lil Giuseppe u lil martu joqogħdu ma' Faustino, Cecilia, Antonio u Teresa filwaqt li Carmelo kien laħaq iżżewweġ u mar joqgħod għal rasu [16].

Giuseppe Micallef iktar tard telaq minn Ħaż-Żabbar u mar joqgħod il-Ħamrun bl-indirizz tiegħu ikun Nru. 172, Strada Reale.

## LAQMIJIET

Il-laqam tas-Surmast Giuseppe Micallef kien "Il-Baqrambun", laqam li dan is-surmast ġie riferut bih f'diversi artikli minn gazzetti differenti, għalkemm lanqas il-familjari tas-Surmast ma jafux dan il-laqam minn fejn seta' ġie jew x'seta' fisser. Fir-reġistru tal-Parroċċa tal-1879 Giuseppe Micallef huwa mniżżel bil-laqam "Il-Mazsuni", iżda din hija l-unika referenza li nstabet ta' dan il-laqam partikolari. Il-familjari tiegħu ġew mistoqsija jekk qattx semgħu b'din ir-referenza lejn Micallef, iżda kollha qalu li dan il-laqam qatt ma kienu semgħu bih qabel.

Il-familjari kkonfermaw ukoll li l-laqam "tal-Baqra" għall-każin tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ ġej mill-ewwel surmast tagħha, appuntu Giuseppe Micallef "Il-Baqrambun". Meta l-familjari ta' Giuseppe ġew mistoqsija x'qatt semgħu fuq il-bidu tal-baned Żabbarin u l-involviment ta' Giuseppe Micallef fihom, huma rrakkontaw l-istorja identika għal tas-Sur Pietru Pawl Briffa, n-neputi tal-fundatur Francesco Saverio Briffa. Essenzjalment din l-istorja tgħid li Giuseppe u s-Sur Saver waqqfu flimkien l-ewwel banda tar-raħal, u li mbagħad minnha, wara diżgwid, ħarġet it-tieni banda. Il-familjari ta' Micallef komplew jirrakkuntaw ukoll l-istorja tal-bandiera magħmulha minn liżar abjad bin-Nome di Maria fuqha u l-bordura kaħla li għamel Francesco Saverio u li tella' ma' arblu fil-post ta' fejn kienu jiltaqgħu. Din l-istorja issa hija maqbula kompletament mill-familjari taż-żewġ personaġġi ewlenin f'din l-istorja. Ta' min isemmi wkoll li din l-istorja ta' Francesco Saverio Briffa u l-bandiera tinsab miktuba wkoll fil-minuti ta' Seduta Ġenerali tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ tal-10 t'Ottubru 1943 meta dakinhar kien ikkonfermat bħala President Onorarju s-Sur Carmelo Briffa, iben Francesco Saverio u l-President ta' dak iż-żmien, Dr. Giuseppe Agius Muscat M.D., niseġ eloġju fuq missier Carmelo u fost dettalji oħra semma' fid-dettall din l-istorja tal-bandiera.

Il-qraba ta' Giuseppe spjegaw ukoll li l-laqam "tal-Bajda" għall-każin tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja, Banda San Mikiel, kienu jisimgħu mingħand in-nanniet tagħhom li wkoll għandu rabta ma' Micallef. Irrakkuntaw li f'xi żmien meta Giuseppe Micallef kien Surmast Direttur ta' din il-banda, huwa ma kienx joqgħod Ħaż-Żabbar u għaldaqstant biex jiffranka l-ivvjaġġar fit-tul bil-karozzin meta kien ikollu xi programm mal-banda, minn lejliet, probabbilment wara l-aħħar kunċert, kien jorqod f'post ta' ħaddieħor viċin tal-każin ta' San Mikiel. Din l-istorja tgħid li Micallef kien jitlob bajda bħala kolazzjon għall-għada filgħodu u minn hemm ħareġ il-laqam tal-banda: bħala l-banda tas-surmast Tal-Bajda. Jekk ikollna nimxu ma' dan ir-rakkont minn fejn ġej il-laqam "Tal-Bajda", jiġi implikat fiċ-ċar li dan il-laqam evolva madwar Giuseppe Micallef snin wara li bdiet din l-istess banda u allura dan il-laqam ma jpoġġix

F & T 5,000 10—80 Forms B. 201 / 3

Army Form B. 201
(late W. O. Form 39.)

# ATTESTATION OF

No. 473 Name Giuseppe Micallef

Corps R. M. F. Art.y

Joined at Malta

on 17th September 1869.

A

H. Ellice Adj.

For Twelve Years Army Service.

Questions to be put to the Recruit before Enlistment.

| | |
|---|---|
| 1. What is your Name? | Giuseppe Micallef |
| 2. In or near what Parish or Town were you born? | In the Parish of La Grazia in or near the Town of Zabbar in ~~the County of~~ Malta |
| 3. What is your Age? | 15 Years 3 Months. |
| 4. What is your Trade or Calling? | Musician |
| 5. Are you, or have you been an Apprentice? if so, where? to whom? and for what period? | No |
| 6. Have you resided out of your Father's house, and paid rates and taxes of £10 value, and if so, where? | No |
| 7. Are you Married? | No |
| 8. Do you now belong to the Militia, or Army or Militia Reserve, to the Volunteers, or to the Naval Coast Volunteers? or to the Royal Naval Reserve Force? | No |
| Do you belong to any Regiment, Brigade or Corps in Her Majesty's Army? | No |
| ‡9. Have you ever served in the Army? | No |
| ‡10. Have you ever served in the Marines? | No |
| ‡11. Have you ever served in the Militia? | No |
| ‡12. Have you ever served in the Royal Navy | No |

‡ If so, the Recruit is to state the particulars of his former Service, and the cause of his Discharge, and is to produce his Parchment Certificate of Discharge.

| | |
|---|---|
| 13. Have you truly stated the whole, if any, of your previous Service | |
| 14. Have you ever been rejected as unfit for Her Majesty's Service? | No |
| 15. For what Corps are you willing to be Enlisted, or are you willing to be enlisted for General Service? | For R. M. F. Art.y |
| 16. Did you receive a Notice, and do you understand its meaning? | |
| 17. Who gave you the Notice? | |
| 18. Are you willing to serve for the term of twelve Years, provided Her Majesty should so long require your services? | Yes |
| 19. Are you willing to serve for a further term of twelve months if abroad, or if a state of War exists between Her Majesty and any Foreign power, if you should be directed so ~~to~~ ~~by the~~ Secretary of State for War, or by the Commanding Officer ~~at any Foreign, Colonial, or Indian~~ Station? | Yes |

*Signature of Recruit* Sd/ G. Micallef  *Witness* Sd/ S. Friggieri Sergt.

DECLARATION TO BE MADE BY RECRUIT ON ATTESTATION.

I Giuseppe Micallef do solemnly and sincerely declare, That to the best of my Knowledge and Belief the above answers to the foregoing questions made and signed by me, are true; and that I am willing to be attested for the Term of Twelve Years provided Her Majesty should so long require my Services, and also, if I am on service beyond the seas, or if a state of War exists between Her Majesty and any Foreign Power, for such further term, not exceeding Twelve Months, as shall be directed by the Competent Military Authority.

Sd/ G. Micallef *Signature of Recruit.* Sd/ S. Friggieri Serg. *Signature of Witness.*

OATH TO BE TAKEN BY RECRUIT ON ATTESTATION.

I Giuseppe Micallef do make Oath, that I will be faithful and bear true Allegiance to Her Majesty, Her Heirs, and Successors, and that I will, as in duty bound, honestly and faithfully defend Her Majesty, Her Heirs, and Successors, in Person, Crown, and Dignity, against all enemies, and will observe and obey all orders of Her Majesty, Her Heirs, and Successors, and of the Generals and Officers set over me. So help me God.

Witness my hand. *Signature of Recruit* Sd/ G. Micallef

*Witness present* Sd/ S. Friggieri

*The above questions were asked of the said* G. Micallef *and answered by him in my presence, as herein recorded; and the said* G. Micallef *made the above Declaration and Oath before me at* Valletta *this* 17th *day of* September *One Thousand eight hundred and* Sixty Nine

*Signature of the Justice* Sd/ F. Fabon Magte

The Recruit should, if he require it, receive a copy of the Declaration.

*NAM_MIL_RMFA_473_Giuseppe Micallef_1*



HMS Euryalus



H.M. Troopship Jumna



HMS Téméraire



HMS Colossus

awtomatikament lis-surmast Micallef bħala s-surmast fundatur ta' din il-banda jew inkella f'xi forma ta' relazzjoni bejniethom fil-bidu tat-twaqqif ta' din il-banda partikolari. Jekk ikollna nimxu ma' din l-istorja nistgħu ukoll nidentifikaw il-perjodu li fih il-laqam "Tal-Bajda" beda jintuża - bejn l-1911 u l-1912, l-aħħar żmien li fih Micallef serva mal-banda San Mikiel u l-perjodu li fih huwa kien joqgħod il-Ħamrun. Dan għandu wkoll fih ftit ta' bażi loġika u kronoloġika għaliex skont artiklu f'gazzetta tal-1900 il-banda San Mikiel jista' jiġi implikat li kellha laqam differenti - "Tal-Mazzita" - qabel ma saret magħrufa bħala "Tal-Bajda" [17].

## GIUSEPPE MICALLEF MAS-SERVIZZ INGLIŻ - L-EWWEL MILITARI MBAGĦAD NAVALI

Giuseppe Micallef daħal jagħmel parti mill-Malta Royal Fencible Artillery bħala mużiċista fis-17 ta' Settembru 1869 fl-età ta' 15-il sena u 3 xhur bin-numru tar-reġistrazzjoni 473. Mil-bidu tas-servizz tiegħu sas-16 ta' Ġunju 1871 huwa kien fil-grad ta' 'Boy', imbagħad inħatar bħala 'Gunner'. Fit-8 ta' Ġunju 1880 ġie promoss għal 'Bombardier' iżda dan il-grad reġa' tneħħielu fit-30 ta' Marzu 1881 wara li bejn is-26 u d-29 ta' Marzu 1881 kien arrestat u mressaq quddiem ir-Regimental Court Martial. Din il-qorti kienet tilqa' fiha każijiet minuri, bħalma probabbilment kien dak ta' Giuseppe Micallef u n-noti dwar il-każ ma kinux jintbagħtu lill-Judge Advocate General's Office f'Londra u b'hekk s'issa għadhom ma nstabux iżjed dettalji dwar x'kien il-każ li fuqu tressaq Micallef quddiem din il-qorti. Huwa serva għal total ta' 12-il sena u jumejn u waqaf minn mal-R.M.F.A. nhar is-17 ta' Settembru 1881 fuq talba tiegħu, wara li spiċċalu l-ewwel terminu tiegħu ta' 12-il sena, imsejjaħ bħala limited engagement. Matul dan il-perjodu tiegħu mal-R.M.F.A. huwa kiseb iċ-Ċertifikat Edukattiv tar-raba' klassi fis-26 ta' Marzu 1873 u ċ-Ċertifikat Edukattiv tat-tielet klassi fil-21 ta' Mejju 1880 [3].

Wara t-terminu tal-perjodu tiegħu mal-R.M.F.A., Giuseppe serva wkoll fuq tliet bastimenti militari tas-Servizz Ingliż:

**HMS Euryalus** - bejn l-1 ta' Frar 1882 u s-16 ta' Diċembru 1882 bħala Bandmaster taħt il-Kaptan R.D. King u mbagħad taħt il-Kaptan Hastings - minn das-servizz partikolari Giuseppe wasal lura Malta fl-14 ta' Jannar 1883 [4], [18];

**HMS Téméraire** - bejn l-1 ta' Mejju 1883 u l-14

t'April 1884 bħala Bandsman taħt il-Kaptan H.F. Nicholson u mbagħad taħt il-Kaptan Domvile [4], [19]; u

**HMS Colossus** – bejn l-1 ta' Ġunju 1890 u d-19 ta' Jannar 1891 bħala Band Sergeant taħt il-Kaptan Thomas S. Jackson [4], [20].

Matul dan iż-żmien li serva mas-Servizz Ingliż, il-kondotta tiegħu kienet dejjem tajba ħafna, kif jixhdu diversi rimarki dwar il-karattru tiegħu fir-rekord uffiċjali tiegħu mas-Servizz.

## GIUSEPPE MICALLEF JAĦDEM BLA WAQFIEN FIS-SETTUR MUŻIKALI

Giuseppe twieled f'familja fqira, għaldaqstant biex jgħix u miegħu aktar tard seta' jgħajjex lill-familja tiegħu, huwa kien jeħtieġlu jaħdem u jħabrek il-ħin kollu biex jaqla' l-għajxien tiegħu. Ix-xogħol ta' mużiċist qatt ma kien wieħed faċli u li tgħix u tgħajjex lil ħaddieħor miegħek mill-mużika biss jeħtieġ sforz kontinwu. Mill-evidenza kollha li ħallielna Giuseppe stess jew inkella li sibna dwaru, m'hemm l-ebda dubju li huwa kien persuna ħabrieka ħafna, mingħajr waqfien, dejjem isib x'ħa jagħmel u x'jivvinta u fuq kollox, jinvolvi ruħu fi kwalunkwe xogħol mużikali li jsib.

Giuseppe beda jistudja l-mużika u jdoqq strument mal-Banda degli Orfani fl-orfanatrofju fejn kien jgħix fi tfulitu [5], [6]. Eventwalment dan waslu biex ikun jista' jidħol bħala mużiċist mal-R.M.F.A. fl-1869. Apparti x-xogħol tiegħu ta' bandist mal-militar, Micallef kellu wkoll kapaċità notevoli fil-kompożizzjoni mużikali. L-ewwel evidenza ta' arranġament mużikali tiegħu nsibuh fl-arkivju mużikali tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ – selection mill-opra Rigoletto ta' Verdi li ġiet ridotta minn Micallef fil-11 ta' Diċembru 1874. L-arranġamenti tiegħu kien jiktibhom għal okkażjonijiet ġenerali; biex jindaqqu minn baned tradizzjonali, kif ukoll kien jikteb jew jirranġa mużika għal persuni privati, fosthom arranġament tal-Cavatina 'Basta un solo sguardo dell'Ajo – del celebre Mro. Gaetano Donizetti – 30th July 1880 – per il divertimento della nobile donna (isem indeċifrabbli).' Giuseppe kien involut sew ukoll fil-festi reliġjużi jew tradizzjonali li kienu jsiru f'Ħaż-Żabbar u anke possibbilment f'lokalitajiet oħra. Jista' jkun li Micallef kien jiġi mqabbad mill-prokuratur tal-festa titulari biex jieħu ħsieb jgħaqqad banda għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja qabel ma kien hawn waħda uffiċjali f'Ħaż-Żabbar. Għal dan ix-xogħol probabbilment kien jitħallas mill-fondi tal-parroċċa li qabel ma twaqqfu l-baned fir-raħal kienet tieħu ħsieb hi l-ispejjeż kollha tal-festa.



118950 118950

Names in full: Guiseppe Micallef

Date of Birth: 5 June 1857

Place of Birth: Malta

| Date and Period of C. S. Engagement. | Personal Description. Height. | Hair. | Eyes. | Complexion. | Wounds, Scars, or Marks. | Trade. | Gunnery Engagements. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 5 · 10 | Black | Brown | Dark | | | |

| Ships served in. Coast Guard. Seamen Riggers. | Ships' Books. List. | No. | Rating, &c. | G. C. Badges worn. | Period of Service. From | To | Time. Years. | Days. | Character. | If Discharged. Whither and for what cause. | Remarks. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Euryalus | 5 | 262 | Band Mn. | | 1 Feb 82 | 16 Dec 82 | | | Exy. 3.6 82 V. Good | Jumna for passage no longer required | D to shore from Jumna L. 18/11 on 14.1.83 |
| Temeraire | 5 | 518 | Bandsman | | 1 May 83 | 14 Apl. 8? | | | VG 31.12.83 V. Good | | |
| Colossus | 5 | 357 | Band Sgt. | | 1 June 90 | 19 Jan 91 | | | VG 31.12.90 VG. 19.1.91 | Shore Malta | |

Y. E.

*Admirality Log Book - Giuseppe Micallef*

Sfortunatament, il-kitbiet ta' ħlasijiet għall-baned mill-Parroċċa ma fihomx dettalji tal-persuni li ġew inkarigati jew inkella li tħallsu, allura dan id-dettall ma nistgħux nikkonfermawh b'mod fattwali. Għal dan l-impenn u għal oħrajn simili Micallef kien ilesti l-mużika meħtieġa, fosthom kien anke jikteb siltiet mużikali oriġinali fosthom l-innu klassiku 'Inno per la Beata Vergine Maria della Grazzia in Casale Zabbar' f'Awwissu 1879 flimkien ma' mużika oħra, marċi tradizzjonali u anke marċi funebri. Relatat ma' dan it-tip ta' xogħol, fl-1883, fil-perjodu żgħir ħafna li huwa għamel hawn Malta bejn vjaġġ u ieħor, naraw lil Giuseppe jiġi mqabbad u mħallas minn persuni mhux magħrufa biex jorganizza żewġ gruppi ta' mużiċisti fi string band u reed band għall-karnival f'Ħaż-Żabbar, bl-iscore book użat għal din l-attività imsemmija għadu miżmum fl-arkivju mużikali tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ. Dan ix-xogħol ikkummissjonat ma kienx jirrestrinġi lil Micallef għal Ħaż-Żabbar biss tant li fl-1878 ġie mqabbad biex jikteb Innu lil San Pawl (Mis-sema l-ġmiel li jsebbaħ) għall-Belt Valletta. Dan l-innu mbagħad ġie miżjud il-kliem miegħu fl-1945 u għadu jindaqq u jintuża sal-lum.

Għalkemm nifhmu li Giuseppe Micallef kien ukoll jgħallem il-mużika, huwa diffiċli ħafna biex nimmaġinawh jagħmel dan mill-post privat fejn hu kien joqgħod. Dan għar-raġuni li d-dar fejn kien jgħix kienet mikrija lill-kunjatu tiegħu u mhux lilu u flimkien miegħu kienu dejjem jgħixu madwar tmien persuni oħra fl-istess post, aktar u aktar għaliex probabbilment li dawn il-postijiet mikrija kienu jkunu ta' spazju żgħir. Għalhekk jagħmel sens li meta Giuseppe Micallef ġie biex jiġbor l-allievi u jgħaqqad l-ewwel banda uffiċjali Żabbarija, ġie bżonn l-għajnuna ta' persuna tat-tajjeb bħal Francesco Saverio Briffa, meqjus bħala l-fundatur tal-ewwel banda Żabbarija, li kien negozjant kif ukoll jamministra l-ħafna propjetajiet u artijiet f'diversi rħula Maltin li kellha l-familja tiegħu, speċjalment wara l-mewt ta' missieru fl-1883. Il-familja Briffa kellhom ħafna propjetajiet f'Ħaż-Żabbar, speċjalment fi Strada Reale u Strada della Chiesa u Francesco Saverio stess kien minn età żgħira ħafna mdaħħal fil-qasam tal-proprjetajiet, tant li l-ewwel nota insinwata fuq trasferiment ta' art mingħand missieru għal fuq ismu insibuha fl-4 ta' Lulju 1871, meta kien għad kellu biss 17-il sena [21]. F'dal-punt ma nafux eżattament min avviċina lill-ieħor bl-idea li tibda din l-ewwel banda, biss it-tradizzjoni dejjem qaltilna li kien is-Sur Saver li resaq bl-idea quddiem Giuseppe Micallef u li flimkien nibtu din is-Soċjetà Filarmonika.



*L-ewwel data fuq arranġament mużikali ta' Giuseppe Micallef - 11-12-1874*

Għalkemm ma nafux eżattament meta Giuseppe Micallef beda dan it-tagħlim uffiċjali mal-ewwel għaqda mużikali Żabbarija, ninsabu fiċ-ċert li fiż-żmien meta huwa kien okkupat mar-Royal Navy barra minn xtut gżiritna ma jistax ikun li fl-istess żmien kien qed iwaqqaf banda u jgħallem l-allievi f'Ħaż-Żabbar. Rigward dan il-punt iddiskutejna mas-Sur Keith Gatt - Curatorial Support Co-ordinator - tal-Mużew Marittimu ta' Malta li fuq parir tas-Sur Antonio Espinosa Rodriguez, Eks-Kuratur tal-Mużew Marittimu, spjegalna li ġeneralment il-bandisti fuq vapur tal-Qawwa Navali Ingliża kienu jkunu Royal Marines u mbagħad meta bastiment partikolari kien ikun ħa jdur madwar il-portijiet Mediterranji jew oltre – to show the flag – kienu jiġu ingaġġati rekluti Maltin u anke Taljani biex jimlew iżjed il-banda għal waqt il-vjaġġi. Dan ifisser li bandisti Maltin, bħalma kien Giuseppe Micallef, kienu jkunu mqabbda mal-bastiment speċifikament għaliex dan kien ser ibaħħar għal diversi ġimgħat jew xhur f'postijiet u pajjiżi differenti.

L-ewwel impenn ta' Giuseppe Micallef mar-Royal Navy kien abbord l-H.M.S. Euryalus bejn l-1 ta' Frar 1882 u s-16 ta' Diċembru tal-istess sena. Fl-arkivju mużikali tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ jinstabu merfugħin "Partiture per Banda per uso di Ge Micallef Band Master, HMS Euryalus, 29th April 1882" u "Scores book belong to Giuseppe Micallef Band Master H.M.Ship Euryalus 31st March 1882 – India Station." Fil-qoxra ta' dan l-aħħar score book insibu lista miktuba minn Micallef stess ta' postijiet li nassumu li żar meta kien fuq dan il-bastiment. Din l-informazzjoni flimkien m'oħrajn miġbura mill-gazzetti jagħtuna din l-istampa tal-vjaġġ ta' Micallef **(ara t-tabella f'paġna 51)**.

| THE MALTA TIMES AND UNITED SERVICE GAZETTE | SCORE BOOK - G. MICALLEF |
|---|---|
| **4 February 1882** P. 3 - H.M. Ship Euryalus will be ready for sea about the 25th inst. | |
| **11 February 1882** P. 3 - H.M. Ship Euryalus for the East Indies about the 25th inst. where on arrival she will resume the duties of flag ship to Rear Admiral Gore Jones, C.B. | |
| **25 February 1882** P. 3 - H.M. Ship went out of Harbour on Friday for trial trip, and returned in the afternoon. She will leave Malta for Aden via the Suez Canal on Wednesday next. | |
| **4 March 1882** P. 2 - H.M. Ship Euryalus, Capt. R.D. King, left on Wednesday last for the East Indian Station, via the Suez Canal. | **6 March 1882** - Port Said |
| | **9 March 1882** - Suez |
| **18 March 1882** P. 3 - H.M. Ship Euryalus sailed from Suez yesterday. | **20 March 1882** - Aden |
| | **9 April 1882** - Pontigò? |
| | **19 April 1882** - Trincomalié |
| | **24 May 1882** - Colombo |
| | **27 May 1882** - Bombay |
| | **14 June 1882** - Trincomalié |
| **2 September 1882** P. 2 - The following is a list of H.M. Ships under the flag of Admiral Sir Beauchamp Seymour, G.C.B. and other Commanders serving in Egypt: - ...Euryalus, 16, Capt. Hastings, (flagship of Rear Admiral Hewett)... | |

Meta kien fuq dan il-bastiment Giuseppe, apparti li kien is-surmast tal-banda, kien ukoll idoqq l-euphonium. Fit-terminu ta' dan l-inkarigu tiegħu, Giuseppe ħtieġlu jaqbad bastiment ieħor biex iwasslu lura Malta. Fil-fatt huwa wasal l-art fl-14 ta' Jannar 1883 minn abbord H.M. Troopship Jumna [4], [22].

Tlett xhur u nofs wara li Giuseppe wasal lura Malta minn xogħlu fuq H.M.S. Euryalus huwa beda t-tieni impenn tiegħu did-darba fuq H.M.S. Téméraire, bejn l-1 ta' Mejju 1883 u l-14 t'April 1884. The Malta Times And United Service Gazette tagħtina eżattament x'kien qed jiġri fuq dan il-bastiment u fejn kien jinsab f'dati preċiżi. Fiż-żmien tal-perjodu li kien hemm ingaġġat miegħu Micallef insibu hekk... **(ara t-tabella f'paġna 52)**.

Dawn il-fatti dokumentati kollha juru l-perjodu vera qasir li għamel hawn Malta Giuseppe Micallef bejn Mejju 1883 u April tas-sena ta' wara, żmien li fih żgur li ma kien impenjat mal-ebda banda Maltija anke meta tqis li ftit qabel kien għamel sena oħra barra minn xtutna. Iktar evidenza dwar in-nuqqas ta' Micallef minn Malta f'dal-perjodu jidher f'kuntratt notarili ta' bejgħ ta' sehem żgħir (1/7) fi proprjetà li l-familja ta' Micallef għamlet nhar is-7 t'Awwissu 1883, fejn ħut Micallef dehru għal dal-kuntratt f'isimhom stess u f'ismu - għax hu kien "assente dall'Isola" [23].

Wara t-tieni impenn tiegħu mar-Royal Navy jidher li Giuseppe Micallef daħal b'ruħu u b'ġismu fil-qasam tad-direzzjoni tal-baned Maltin.

Jidher li f'dan il-perjodu Micallef laħaq is-Surmast Direttur tal-Banda Melita (illum Peace) tan-Naxxar kif ukoll beda t-taħriġ tal-mużiċisti biex bihom tingħaqad l-ewwel banda Żabbarija. Fl-1888 beda wkoll l-ewwel impenn tiegħu mal-Banda Nicolò Isouard tal-Mosta. Fl-1889 Micallef reġa' beda jagħmel il-ħsieb biex jidħol għal darb'oħra mar-Royal Navy, tant li tard f'dik is-sena waqqaf l-impenn tiegħu mas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ, li kien ilu magħha mill-bidu tat-twaqqif tagħha u li f'dak iż-żmien kienet diġà ħarġet minna t-tieni banda Żabbarija. Ftit jiem wara, fl-1890 waqqaf ukoll l-impenn tiegħu mal-Melita tan-Naxxar u n-Nicolò Isouard tal-Mosta biex fl-1 ta' Ġunju 1890 narawh iservi bħala Band

| | |
|---|---|
| **5 May 1883** P. 6 | Mr. Wooton, chief Engineer H.M.S. Téméraire was invalided and took passage for England. |
| **12 May 1883** P. 7 | H.M. Ship Téméraire went again into dock yesterday. |
| **19 May 1883** P.6 | The Mediterranean Squadron, consisting of the Alexandra, flag ship, Superb, Monarch, Téméraire, Carysfort and Decoy under the command of Admiral Lord John Hay , K.C.B. left on the 17th for a Summer cruise. The following are the intended movements of the squadron:<br>Corfu - 21st to 24th May<br>Cattaro & Ragusa or Gravosa - 26th to 30th May<br>Spaltaro - 2nd to 4th June<br>Zara - 5th to 6th June<br>Lossini - 7th to 8th June<br>Pola - 8th to 10th June<br>Fiume - 11th to 13th June<br>Malamoco & Trieste - 15th to 25th June<br>Ancona - 27th to 30th June<br>Termoli - 2nd to 3rd July<br>Avlona - 6th to 12th July<br>Corfu - 13th July - |
| **4 August 1883** P. 2 | The Mediterranean squadron consisting of Alexandra (flag ship), Superb, Monarch, Téméraire, Carysfort and Decoy left Corfu on the 30th July for a cruise in the Greek Archipelago. |
| **15 September 1883** P. 2 | The Mediterranean Squadron are at present cruising in the Grecian archipelago. |
| **6 October 1883** P. 3 | The movements of the Mediterranean Squadron with the Flag of Vice Admiral Lord John Hay K.C.B. are as follows:<br>Salonica - Arrive - Sail 4th Oct.<br>Thaso - Arrive 7th Oct. - Sail 12th Oct.<br>Lemnos - Arrive 15th Oct. - Sail 19th Oct.<br>Sigri - Arrive 19th Oct. - Sail 23rd Oct.<br>Khios - Arrive 24th Oct. - Sail 29th Oct.<br>Smyrna - Arrive 31st Oct. - Sail 10th November<br>Letters should be send to care of H.B.M. Consul. Piræus, Athens. |
| **17 November 1883** P. 7 | Mediterranean Squadron at Costantinople. We are glad to hear that the greater part of the Mediterranean fleet will be at Malta by the 26th instant. |
| **24 November 1883** P. 6 | H.M. ship Téméraire arrived here from Smyrna on the 18th instant and probably proceeds to Corfu about the end of the month. |
| **1 December 1883** P. 6 | H.M.S. Téméraire will proceed next week to Corfu. |
| **8 December 1883** P. 3 | H.M. Ship Téméraire under Capt. Nicholson left on the 5th to cruise in the neighbourhood of Corfu. |
| **15 December 1883** P. 3 | H.M. Ship Téméraire in succession to Capt. H.F. Nicholson whose term of command expires this month. Capt. Domvile was specially promoted for his skill and galantry... |
| **5 January 1884** P. 3 | H.M.S. Téméraire will be paid off and recommissioned shortly. |
| **16 February 1884** P. 2 | H.M.S. Téméraire sailed for Alexandria on the 14th taking Vice-Admiral Lord John Hay and his staff. |
| **1 March 1884** P.6 | The following ships of the Mediterranean Squadron are under the command of Lord John Hay at Alexandria to protect and garrison the port during the temporary absence of the British troops with the relief force of Suakim : - Alexandra, Invincible, Monarch, Téméraire and Helicon, the Cygnet being at Port Said. |
| **8 March 1884** P. 6 | H.M.S. Téméraire will probably return to Malta next week. |
| **22 March 1884** | H.M.S. Téméraire at Port Said. |
| **5 April 1884** P. 3 | H.M.S. Téméraire arrived here today from Port Said and is to pay off on the 14th instant. |

Sergeant fuq H.M.S. Colossus, sad-19 ta' Jannar 1891. Mal-H.M.S. Colossus Micallef salpa nhar is-6 ta' Ġunju 1890 għall-port ta' Jaffa kif ukoll żar portijiet oħra fil-Mediterran fosthom Suda Bay il-Greċja [24], [25]. Interessanti ħafna l-fatt li d-direzzjoni tal-Banda tal-Grazzja u tal-Banda Melita, fin-nuqqas ta' Giuseppe Micallef ħadhom f'idejh is-Surmast Carmelo Abela Scolaro, meqjus minn uħud bħala 'rivali' għal Giuseppe. Fil-perjodu qasir li Abela Scolaro għamel jidderieġi l-Banda tal-Grazzja flok Micallef, insibu kitba li huwa esegwixxa żewġ programmi mużikali partikolari li fihom daqq silta jew tnejn mill-kompożizzjonijiet ta' Micallef stess [26], [27]. Naraw ukoll li kif Micallef ġie lura mill-vjaġġ tiegħu, reġa' ħa lura postu mal-ewwel mal-Banda tal-Grazzja. Dawn

il-kitbiet fattwali jqajmu dubju kemm dawn iż-żewġ surmastrijiet fir-realtà kienu rivali ta' xulxin, għaliex din l-evidenza tpoġġihom iżjed bħala kollaboraturi ta' xulxin, jew almenu jekk xi darba kienu f'pika ma' xulxin, ma tantx jidher li baqgħu. Fl-1893 huwa beda impenn ġdid mal-Banda Prince of Wales Own tal-Birgu, xogħol li dam fih għal tlett snin. Bħala direttur tas-Società Filarmonica Maria Mater Gratiæ, Giuseppe Micallef dam sal-1899, għajr għal waqfa qasira fl-1894. Il-familjari ta' dan is-Surmast qalulna li fl-1899 huwa telaq minn mal-Banda tal-Grazzja b'diżgwid u qatt ma rritorna lura. Fil-fatt, erba' snin wara fl-1903 narawh imexxi għall-ewwel darba lill-banda l-oħra Żabbarija, is-Società Filarmonica San Michele li mexxiha bejn l-1903 u l-1909 u mill-1911 sa mhux aktar tard mill-bidu tal-1912. Giuseppe Micallef mexxa wkoll il-Banda Santa Marija tal-Mosta bejn l-1905 u l-1911 u lill-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun bejn l-1911 u l-1912.

Giuseppe Micallef miet fid-dar tiegħu ta' Nru. 172, Strada Reale, il-Ħamrun. Reġistrazzjoni Nru. 92489 taċ-ċimiterju tal-Addolorata tgħidilna li Giuseppe Micallef miet fis-6 ta' filgħaxija nhar l-20 t'Ottubru 1914 fl-età ta' 60 sena u ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata f'qabar tal-Gvern, imbagħad fis-7 t'April 1946 tmexxa għall-qabar tal-familja: Grave No.4, Compartment G, Section T, East Division.

[1] P. Registry, "Act of Marriage." p. 2257, 1877.
[2] "Liber Baptizatorum." Zabbar, p. 128, 1854.
[3] G. Micallef, "NAM, MIL, RMFA - 473." 1869.
[4] G. Micallef, "ADM/188/152." Royal Navy Registers of Seamen's Services, p. 450, 1882.
[5] "No Title," *Risorgimento*, p. 2, 19-Apr-1888.
[6] "Orphan Asylum Band," *Public Opinion*, p. 3, 18-Apr-1888.
[7] *Status Animarum*. Zabbar, 1870.
[8] L. Vella, "Transfer I/675/1866." p. 1, 1866.
[9] *Status Animarum*. Zabbar, 1875.
[10] P. Registry, "Birth Certificate." p. 417, 1875.
[11] *Liber Matrimoniarum*, Vol.7. Zabbar, 1877.
[12] *Status Animarum*. Zabbar, 1877.
[13] *Status Animarum*. Zabbar, 1879.
[14] *Status Animarum*. Zabbar, 1881.
[15] *Status Animarum*. Zabbar, 1882.
[16] *Status Animarum*. Zabbar, 1909.
[17] Scandalizzat, "Fiex uasalna Haz-Zabbar," *Malta Tagħna*, 30-Jun-1900.
[18] "Naval," *The Malta Times*, p. 2, 04-Mar-1882.
[19] "Naval," *The Malta Times*, p. 3, 15-Dec-1883.
[20] C. Buckey, S. Harley, N. Jellicoe, and T. Lovell, "H.M.S. Colossus (1882)." [Online]. Available: http://dreadnoughtproject.org/tfs/index.php/H.M.S._Colossus_(1882). [Accessed: 07-Dec-2019].
[21] F. Cilia, "Transfer I/1055/1871." p. 1, 1871.
[22] "Naval," *The Malta Times*, p. 2, 20-Jan-1883.
[23] G. Spiteri, "Transfer I/1922/1883." p. 2, 1883.
[24] "Naval," *The Malta Times*, p. 3, 06-Jun-1890.
[25] "Naval," *The Malta Times*, p. 3, 03-Oct-1890.
[26] "No Title," *Malta CMM*, p. 2, 19-Jun-1890.
[27] "No Title," *Risorgimento*, p. 2, 25-Jun-1890.

1 Il-qalba mil-Latin għall-Malti tal-kitbiet tal-magħmudija u ż-żwieġ ta' Giuseppe Micallef saru bl-għajnuna ġentili tas-Sur Manuel Abdilla.

2 L-informazzjoni dwar iż-żmien meta Giuseppe Micallef kien surmast direttur ta' baned barra Ħaż-Żabbar ġibniha direttament mingħand dawn l-għaqdiet imsemmija fit-test u qgħadna fuq il-kelma tagħhom li din l-informazzjoni hija korretta.